# CELEBRAZZJONIJIET TAL-GIMGHA

# MQADDSA GEWWA ........................

## SESSA AURUNCA

HADD IL-PALM

Il-Jum ta' Hadd il-Palm jiftah ir-riti tal-Gimgha Mqaddsa gewwa Sessa Aurunca b'tifsira ta' ferh kbir. Il-Palma jew il-fergha taz-zebbuga minn dejjem kienet meqjusa fid-dinja nisranija bhala simbolu ta' paci u solidarjeta' u hekk hi ghan-nies ta' Sessa Aurunca. Sa minn kmieni l-knejjes ikun mimlija nies li jmorru sabiex jiehdu fergha zebbuga imbierka li mbaghad iqassmu fost il- hbieb u nies tal-familja u xi uhud jippresentaw din il-fergha lil dawk li maghhom jixtiequ jaghmlu paci.

Din il-fergha taz-zebbuga mbierka tibqa' taht il-harsien tal-kap tal-familja sal jum tal-Ghid meta waqt il-mument tal-pranzu huwa jroxx biha l-ilma mbierek li jkun akkwista mill-parrocca, fuq il-membri tal-familja tieghu. Hemm imbaghad xi whud li jsebbhu u jiddekoraw b'mod artistiku hafna l-frieghi taz-zebbug permezz ta' zigarelli kuluriti . Tinghata ghotja ta' fergha taz-zebbug mill-gharus lil gharusa maghzula tieghu li terfaghha taht bozza tal-hgieg flimkien ma xi xbiha ta' qaddis. Fiz-zmien imbieghed, infatti kienu jistennew din id-data biex il-guvintur jitolbu lil genituri tat-tfajla ta' qalbhom biex jitgharrsu.

Barra li hija sinjal ta' paci jew rikonciljazzjoni, ghall-familja tal-bdiewa hija element li jgib risq u hsad tajjeb ta' frott. Il-Bidwi mdorri li f'jum Hadd tal-Palm jizra' il-fergha taz-zebbug bit-tama li jkollu hsad tajjeb. Waqt li jkunu qed jaqtghu l-frott ta' l-art, minn isib din il-fergha taz-zebbug, li issa tkun nixfet, jinghata premju minn sid il-ghalqa. Ghandha gheruq sewwa gewwa Sessa Aurunca l-uzanza li jqieghdu fergha taz-zebbug fuq l-oqbra tal-mejtin biex juru ix-xewqa kbira taghhom ta' mistrieh ta' dejjem lil familjari li jkunu telqu qabilhom. Filghaxija saret tradizzjoni li l-Banda tal-lokal tesegwixxi set ta' marci funebri fil-pubbliku. Dawn jerghhu jindaqqu waqt il-purcissjoni tal-Gimgha l-Kbira.

## IT-TNEJN, L-EWWEL JUM TAL-GIMGHA MQADDSA

It-Tnejn, l-ewwel jum tal-Gimgha Mqaddsa, il-pjazza u t-toroq tac-centru tal-belt ta' Sessa Aurunca, jaraw attivita' mhux tas-soltu. F'dan il-jum filghodu jifthu l-processjonijiet tal-Gimgha Mqaddsa meta d-diversi konfraternitajiet tal-belt jmorru minn knisja ghal ohra f'att penitenzjali. Tibda l-arcikonfraternita' ta' San Bjagu li tintgharaf mill-mozzetta kulur ahmar skur, li tohrog mill-knisja tal-Lunzjata minhabba li l-kappella ta' San Bjagu sofriet danni kbar u waqghet. Waqt il-processjoni l-fratelli jkantaw diversi kant bhalma huma il-Miserere, il-Lamentatio u l-Benedictus

Wara nofs in-nhar mill-knisja ta' Santa Marija tar-Refugju jew ahjar tal-Habsin, kif ihobbu jsejhulha n-nies tal-lokal tohrog il-purcissjoni tal-konfraternita' li iggib l-istess isem u f'att penitenzjali jkantaw sa ma jsalu fil-Katedral. Hekk taghlaq l-attivita' fl-ewwel jum.

## IT-TLIETA, IT-TIENI JUM TAL-GIMGHA MQADDSA

It-tlieta tal-Gimgha Mqaddsa, ikun imiss li jippartecipaw fil-pellegrinagg penitenzjali l-membri ta' l-Arcikonfraternita' Tas-Salib u l-Gholja tal-Mejtin, meta ghall-habta tal-hdax ta' filghodu mill-knisja frangiskana ta' San Giovanni a Villa johorgu processjonalment. Rashom jghattuha bil-kapott u dak in-nhar ma jilbsux mozzetta. Kemm il-kunfratija kif ukoll il-kapott ikunu ta' kulur iswed. Fuq il-kapott li jghattilhom rashom kollha tispikka emblema tal-krucifissjoni. Il-partecipanti f'dan il-pellegrinagg huma numeruzi hafna f'konfront man-numru tal-membri tal-fratelli u sorelli. Din il-kongregazzjoni torganizza l-Uffizzju ta' l-Erbgha tat-Tniebri filghaxija, msejha wkoll it-"Terremot" u l-purcissjoni tal-Misteri nhar il-Gimgha l-Kbira. Dak in-nhar bejn kull marc funebri u iehor ikantaw il-Miserere.

Wara nofs in-nhar ikun imisshom l-arcikonfraternita' tal-Kuncizzjoni li titlaq mill-knijsa ta' San Giovanni a Piazza biex taghmel il-pellegrinagg penitenzjali taghha.

## L-ERBGHA, JEW IL-JUM TAT-TNIEBRI.

L-Erbgha, l-ahhar jum tal-purcissjonijiet penitenzjali, ikun imiss lil arcikonfraternita' ta' San Carlo Borromeo li filghodu tohrog f'pellegrinagg. Din l-arcikonfraternita' hija wkoll responsabbli li l-ghada tal-Gimgha l-Kbira, jigifieri, is-Sibt il-Ghid filghodu torganizza l-manifestazzjoni ta' nzul ta' Kristu mis-salib permezz ta' purcissjoni bil-misteru tad-Deposizzjoni. Libsin il-mozzetta ta' kulur ahmar johorgu mill-knisja ta' San Carlo biex jaqdu d-dmir taghhom bhal arcikonfraternitajiet l-ohra u jaslu sal -Katedral fejn hemm itemmu l-obbligu taghhom bit-talb preskritt.

Bi tradizzjoni tispicca dawn il-pellegrinaggi penitenzjali l-arcikonfraternita tal-Vergni

tar-Ruzarju li titlaq mill-oratorju ta' San Duminku. Libsin il-mozetta sewda itemmu l-mixja taghhom fil-Katedral fejn hemm jispiccaw bit-tqarbina ta' l-Ghid u bit-talb ta' l-ahhar.

Fil-ghaxija fil-knisja ta' San Giovanni a Villa tibda ic-ceremonja ta' l-Erbgha tat-Tniebru jew ahjar kif inhu maghrufa fost il-poplu r-rit tat-"Terremot". L-arcikonfraternita' tas-Ssmu. Kurcifiss jingabru fil-Katedral wara li jintemm kollox biex jippartecipaw f'din il-funzjoni. Fuq l-artal ikun hemm dik li huma jsejhulha s-"Saeta" li ma hi xejn hlief kandlier forma ta' trianglu jew vlegga bi hmistax-il xema tixghel. F'din il-funzjoni jinghad talb u kant u qari mill-ktieb tal-Lamentazzjonijiet tal-Profeta Geremija, mill-kitbiet ta' Santu Wistin u mill-Ittri ta' San Pawl u bejn kull pawsa tintefa' xema wahda. Il-kant isir bil-latin fuq noti ta' l-armonju.

Meta jkun biss baqa' l-ahhar xema tixghel fil-quccata, jitkanta il-Miserere b'mod alternat, jigifieri, vers jitkanta mis-solista u vers recitat mill-poplu. Fl-ahhar, il-funzjoni tispicca bil-kant tal-Benedictus. Hekk kif ikun qed joqrob it-tmiem, il-knisja tintefa' kwazi fid-dlam. Ikun biss baqa' dik ix-xema wahda tixghel. Waqt li jergghu jkantaw il-Miserere bl-oremus ic-ceremonjier jiehu x-xema tixghel wara l-artal u hawn isir dak li jghidulu t-"terremot" meta dawk prezenti jhabbtu s-siggijiet ma' l-art biex ifakkar ir-reazzjoni tan-natura ghall-mewt ta' l-Iben t'Alla. Dawn il-hsejjes jieqfu hekk fik ic-ceremonjier jerga' jigi lura x-xema tixghel minn wara l-artal biex juri li d-dawl ta' Kristu ghadu haj .
Hekk tispicca din l-azzjoni liturgika, u in-nies tibda tahseb ghat-thejjijiet ta' l-ghad, Hamis ix-Xirka.

## HAMIS IX-XIRKA

Iz-zaghzagh tal-kwatieri, il-lum johorgu fil-kampanja jigbru qatet tal-haxix, zkuk niexfa, u njam iehor mormi sabiex waqt il-purcissjoni jixghelu l-hgejjeg. Bhal kull lok iehor, fil-Katedral l-isqof u l-kapitlu tieghu jqaddes il-Quddiesa tat-Tberik taz-zjut, u filghaxja dik tac-Cena tas-Sinjur. F'Sessua Aurunca ghad hemm it-tradizzjoni li filghaxija hafna minn nies tal-post jaghmlu l-vizti lil Gesu' Sagrament fis-Sepulkru. Hemm uzanza li filghaxija ta' Hamis ix-Xirka jieklu l-Haruf ta' l-Ghid, qabel jidhol il-jum tal-Gimgha l-Kbira.

## IL-GIMGHA L-KBIRA.

Dan hu l-jum l-aktar devot ghas-Sessani, jum ta' talb u penitenza. Wara l-azzjoni liturgika tat-tlieta ta' wara nofs in-nhar, ghall-habta tas-sitta u nofs tibda hierga l-purcissjoni tal-Gimgha l-Kbira fejn fiha kull devot jiftakar fit-tbatija ta' Gesu' Kristu. Imexxi din il-manifestazzjoni huwa l-istandard ta' l-arcikonfraternita' tas-Salib, standard bi drapp iswed u emblema tal-passjoni. Warajh jimxu il-fratelli . L-ewwel vara li tohrog hija dik ta' Kristu fl-Ort li hi meqjusa bhal l-itqal wahda. Ta' min jghid li kull vara ghandha fil-gnub taghha erba angli tal-kartapesta jzommu f'idejhom simboli tat-tbatija ta' Kristu. Hdejhom imbaghad hemm fanal b'xema tixghel. Imbaghad ikun imiss l-istatwa ta' Kristu fflagellat u warajh Kristu inkurunat. Hawn Gesu' huwa muri bil-



qeighda b'qazba f'idu. Ikun imiss, imbaghad, il-misteru ta' Kristu mghobbi bis-salib fi trieqtu lejn il-Kalvarju.

Johrog salib kbir dekorat bis-simboli tal-passjoni biex iwarajh ssewgwi l-istatwa ta' Kristu mejjet, mqieghed fuq tebut mikxuf u mimli fjuri. Tispicca l-purcissjoni l-vara tat-tlett Marijiet. Warajha jimxu serbut ta' nisa bit-torca mixghula f'idejhom kollha jitolbu lis-sema biex tismaghhom fil-bzonnijiet taghhom. Ma jonqosx li l-Banda tal-lokal tiehu sehem biex bin-noti funebri taghha izzid mas-solennita' ta' l-okazzjoni. F'xi mumenti jitkanta wkoll il-Miserere.

Haga kurjuza hija li f'xi punti tal-purcissjoni jinxteghlu ilhgejjeg bil-gbir ta' zkuk u injam skartat li z-zaghzagh ikun gabru mill-kampanja l-jum ta' qabel. Dawn flimkien mal-fanali tal-vari, u x-xema mixghula tal-fratelli jaghmlu mill-purcissjoni xi haga unika. Ikun ghall-habta tan-nofs-siegha ta' filghodu li l-purcissjoni tintemm mill-gdid fil-knisja minn fejn tkun harget.

## IT-TLETT MARIJIET



## SIBT IL-GHID

Bil-kemm kemm il-belt tkun ghadha qamet ghal-ghodwa ohra, li ma' l-ewwel sinjali tad-dawl ma tarax il-fratelli ta' l-arcikonfraternita' ta' San Carlo Borromeo jippreparaw biex jorganizzaw il-purcissjoni tad-Deposizzjonii li issir is-Sibt filghodu. Dan il-grupp

maghruf fost il-popolazzjoni bhala il-misteru ta' San Carlo jimmanifesta lis-Sessani l-ahhar xena tal-Kalvarju. Guzeppi D'Armatea u Nikodemu, jnizzlu lil gisem mejjet ta' Gesu' Kristu minn fuq is-Salib u jaghtuh f'hdan ommu Marija Santissima li flimkien ma' Marija Madalena u persunagg iehor jigbru kollox f'xena wahda. Il-grupp l-iehor iffurmat mill-fratelli ta' l-arcikonfraternita' ta' Santa Marija tar-Rifugju huwa dak li jesponi lil Marija Santissima bhala l-Addolorata. Dan il-misteru juri lil Marija Ssma thaddan lil Binha Gesu' mejjet b'mod matern. Il-materjal ta' din ix-xbiha ta' Kristu mejjet mhux maghmul mill-kartapesta izda minn zokk shih taz-zebbug u skond it-tradizzjoni huwa x-xoghol ta' wiehed habsi konvertit.



Fl-antik dawn iz-zewg purcissjonijiet kienu jiehdu zewg rottot diversi u kienet ukoll tradizzjoni li ma jiltaqghux flimkien ghax inkella l-laqgha kienet tfisser sfortuna ghall-belt. Pero' mis-sena 1968 il-purcissjonijiet inghaqdu f'korteo wiehed fejn il-konfraternita' ta' San Carlo bil-Misteru tad-Deposizzjoni tiehu precedenza dik ta' Santa Marija tar-Rifugju bil-Misteru tal-Pieta.

Il-Misteri tas-Sibt ikunu merfughha fuq l-ispalla minn madwar 25 reffiegh kull Misteru, il-fratelli din id-darba ma jilbsux il-kapott go rashom ma jkantawx il-Miserere u anqas ma jinxteghlu l-hgejjeg. Il-fratelli ma jkunux daqshekk numeruzi bhal jum ta' qabel izda jkun hemm prezenza qawwija ta' nisa libsin ilbies iswed. Mill-bqija it-triq tal-purcissjoni hija l-istess bhal dik tal-Gimgha l-Kbira bil-Banda idoqq marci funebri ta' l-okazzjoni. Imbaghad l-purcissjonijiet jaslu f'punt fejn jinfirdu biex jidhlu fil-knejjes rispettivi taghhom.



Hekk jigu konkluzi c-celebrazzjonijiet tal-Gimgha Mqaddsa gewwa Sessa Aurunca